KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fit-18 ta' Ġunju 2020[1]

Kawża C-320/19

Ingredion Germany GmbH
vs
Bundesrepublik Deutschland

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra – Artikolu 3(h) – Kunċett ta' 'installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq' – Artikolu 10a – Skema tranżitorja ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas – Deċiżjoni 2011/278/UE – Allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq – Subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli – Artikolu 18(1)(ċ) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) – Determinazzjoni tal-livell ta' attività li jirrigwarda l-kombustibbli – Fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli – Limitazzjoni ta' dan il-fattur għal valur inqas minn 100 %"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(h) u tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE[2] li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni kif ukoll tal-Artikolu 18(1)(ċ) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE[3], li tiddetermina regoli tranżitorji għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti.

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Ingredion Germany GmbH (iktar 'il quddiem "Ingredion" jew "ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali") u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata mill-Umweltbundesamt (l-Uffiċċju Federali tal-Ambjent, il-Ġermanja),

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU 2009, L 140, p. 63) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/87").

[3] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 130 p. 1).

fir-rigward ta' talba għall-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għal installazzjoni li għandha tiġi kklassifikata bħala "i[n]stallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" fis-sens tal-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87 [4].

3. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, għall-finijiet li jiġi stabbilit in-numru annwali provviżorju ta' kwoti mingħajr ħlas għal waħda mis-subinstallazzjonijiet li jikkostitwixxu din l-installazzjoni u li għaliha jeħtieġ li jiġi applikat parametru referenzjarju tal-fjuwil, il-fattur tal-użu tal-kapaċità applikabbli, imsemmi fl-Artikolu 18(1)(ċ) u fit-tieni subparagrafu tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 18, huwiex limitat għal valur ta' inqas minn 100 %.

4. L-eżami ta' din id-domanda jifforma parti minn sensiela twila ta' ġurisprudenza dwar l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gass serra u dwar ir-regoli tranżitorji għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas [5], filwaqt li jagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi għall-ewwel darba dwar l-iskema ddedikata għall-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq".

5. Fi tmiem l-analiżi tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li, fil-kuntest ta' din l-iskema, il-fattur tal-użu tal-kapaċità applikabbli għandu, għal subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' fjuwil bħalma huwa dak operat, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, minn Ingredion, ikun limitat għal valur ta' inqas minn 100 %.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2003/87

6. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87, intitolat "Id-definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

h) 'installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq' tfisser:

– kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I, li tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju 2011;

– kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività li tiġi inkluża fl-iskema Komunitarja taħt l-Artikolu 24(1) jew (2), għall-ewwel darba, jew

[4] Infakkar li l-kunċett ta' "installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" huwa ddefinit, fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87, bħala li jinkludi b'mod partikolari kull "installazzjoni […] li tkun kisbet permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-ewwel darba wara t-30 ta' Ġunju 2011". Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq" huma s-suġġett tal-Kapitolu IV tad-Deċiżjoni 2011/278.

[5] Fil-qasam tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, jiena diġà kelli b'mod partikolari l-opportunità li nagħti l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi INEOS Köln (C-572/16, EU:C:2017:896) u ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:167)

– kull istallazzjoni li twettaq attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I jew attività li tiġi inkluża fl-iskema Komunitarja taħt l-Artikolu 24(1) jew (2), li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju 2011, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni;

[…]"

7. Skont l-Artikolu 10a ta' din id-direttiva, intitolat "Regoli tranżitorji madwar il-Komunità kollha għal allokazzjoni gratis armonizzata":

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta' implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha […]

[…]

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti ta' riferiment ex ante Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, […] u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet.

[…]

7. Ħamsa fil-mija tal-kwantità totali tal-kwoti determinati taħt l-Artikoli 9 u 9a matul il-perjodu mill-2013 sal-2020 għandhomjiġu riżervati għal istallazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, bħala l-massimu li jista' jiġi allokat lill-istallazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq konformement mar-regoli adottati taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. […]

[…]

Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli armonizzati għall-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' 'istallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq', b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tal-'estensjonijiet sinifikanti'.

[…]"

2. Id-Deċiżjoni 2011/278

8. L-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 2011/278, intitolat "Applikazzjoni għal allokazzjoni mingħajr ħlas" jinkludi l-paragrafu 4, li huwa fformulat kif ġej:

"Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva [2003/87], bl-eċċezzjoni tal-installazzjonijiet li kellhom estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju 2011, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur jiddetermina l-kapaċità installata inizjali ta' kull subinstallazzjoni skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7(3) billi jintuża perjodu kontinwu ta' 90 jum fuq il-bażi ta' liema l-bidu tal-operazzjoni normali huwa ddeterminat bħala referenza. L-Istati Membri għandhom japprovaw din il-kapaċità installata inizjali ta' kull subinstallazzjoni qabel jikkalkulaw l-allokazzjoni lill-installazzjoni."

9. L-Artikolu 18 ta' din id-deċiżjoni, intitolat "Il-livelli ta' attività", jipprovdi:

"1. Għal installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva [2003/87], bl-eċċezzjoni ta' installazzjonijiet li kellhom estenzjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju 2011, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livelli ta' kull installazzjoni kif ġej:

[…]

c) il-livell ta' attività relatat mal-fjuwil għandu jkun il-kapaċità installata inizjali tal-konsum tal-fjuwils użati għall-produzzjoni ta' sħana li ma titkejjilx ikkunsmata għall-produzzjoni ta' prodotti,għall-produzzjoni tal-enerġija mekkanika li ma tkunx użata għall-produzzjoni tal-elettriku, għat-tisħin jew għat-tkessiħ bl-eċċezzjoni tal-konsum għall-produzzjoni tal-elettriku, inkluż l-ivvampjar tas-sigurtà tal-installazzjoni kkonċernata mmultiplikata bil-fattur ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità applikabbli;

[…]

2. […]

Il-fattur tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità applikabbli msemmi fil-paragrafi 1(b) sa (d) għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-informazzjoni ssostanzjata kif jixraq u vverifikata b'mod indipendenti rigward l-attività normali, il-manutenzjoni, iċ-ċiklu ta' produzzjoni komuni, it-tekniki effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-utilizzazzjoni tipika maħsuba tal-kapaċità tal-installazzjoni fis-settur ikkonċernat meta mqabbel ma' informazzjoni speċifika għas-settur.

[…]

3. Għall-installazzjonijiet li kellhom estenzjoni sinifikanti tal-kapaċità wara t-30 ta' Ġunju 2011, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw skont il-paragrafu 1 il-livelli ta' attività biss għall-kapaċità miżjuda tas-subinstallazzjonijiet li għalihom tirrelata l-estensjoni sinifikanti tal-kapaċità.

Għall-installazzjonijiet li kellhom tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità wara t-30 ta' Ġunju 2011, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw skont il-paragrafu 1 il-livelli ta' attività biss għall-kapaċità mnaqqsa tas-subinstallazzjonijiet li għalihom jirrelata t-tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità."

10. L-Artikolu 19 ta' din l-istess deċiżjoni, intitolat "L-allokazzjonijiet lill-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", jipprovdi li:

"1. Għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet lil installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, bl-eċċezzjoni tal-allokazzjonijiet lill-installazzjonijiet imsemmija fit-tielet inċiż tal-Artikolu 3(h) tad-Direttiva [2003/87], l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw in-numru annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas mal-bidu tal-attività normali tal-installazzjoni għal kull subinstallazzjoni separatament, kif ġej:

[…]

c) għal kull subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil, in-numru annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għandu jikkorrispondi mal-valur tal-parametru referenzjarju tal-fjuwil kif imsemmi fl-Anness I immultiplikat bil-livell ta' attività relatat mal-fjuwil;

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien rigward l-ammont annwali preliminari totali ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas. L-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet mir-riżerva tal-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq maħluqa skont l-Artikolu 10a(7) tad-Direttiva [2003/87] għandhom ikunu allokati fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel fir-rigward tal-irċevuta ta' din in-notifika.

Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-ammont preliminari annwali totali tal-kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għall-installazzjoni kkonċernata. Jekk il-Kummissjoni ma tirrifjutax dan l-ammont preliminari annwali totali tal-kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipproċedi għad-determinazzjoni tal-ammont annwali finali ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas."

B. Id-dritt Ġermaniż

11. L-Artikolu 9(1) tat-Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz (il-Liġi dwar l-Iskambju ta' Drittijiet ta' Emissjoni ta' Gassijiet Serra) tal-21 ta' Lulju 2011 (BGBl. 2011 I, p. 1475), huwa fformulat kif ġej:

"(1) L-operaturi tal-installazzjonijiet għandhom jirċievu allokazzjoni mingħajr ħlas ta' drittijiet ta' emissjonijiet skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 10a […] tad-Direttiva [2003/87] […] u skont dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni [2011/278] […]".

12. L-Artikolu 2 tal-Verordnung über die Zuteilung von Treibhausgas-Emissionberechtigungen in der Handelsperiode 2013 bis 2020 (ir-Regolament dwar l-Allokazzjoni tal-Kwoti ta' Emissjoni ta' Gassijiet Serra għall-Perijodu ta' Skambju 2013 sal-2020), tas-26 ta' Settembru 2011 (BGBl. 2011 I, p. 1921, iktar 'il quddiem iż-"ZuV 2020"), intitolat "Definizzjoni", jipprovdi kif ġej:

"[…]

10. Installazzjonijiet ġodda

L-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq kollha skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(h) tad-Direttiva [2003/87];

[…]"

13. L-Artikolu 16 taż-ZuV 2020, intitolat "Applikazzjoni għall-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' drittijiet ta' emissjoni", jipprovdi:

"(1) L-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq għandhom jiġu ppreżentati f'terminu ta' sena b'effett mill-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni u, f'każ ta' żieda sinjifikattiva fil-kapaċità, f'terminu ta' sena b'effett mill-bidu tal-operat immodifikat.

[…]

(4) B'deroga mill-Artikolu 4, il-kapaċità installata inizjali għall-installazzjonijiet ġodda tikkorrispondi, għal kull element ta' allokazzjoni, għall-medja, estrapolata fuq sena kalendarja, tal-ikbar żewġ kwantitajiet mensili prodotti matul il-perijodu kontinwu ta' 90 ġurnata li abbażi tiegħu jiġi stabbilit il-bidu tal-operat normali.

[…]"

14. L-Artikolu 17 taż-ZuV 2020, intitolat "Livelli ta' attività tal-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", jipprovdi:

(1) Għall-elementi ta' allokazzjoni tal-installazzjonijiet ġodda li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 3, il-livelli ta' attività rilevanti għall-allokazzjoni tal-kwoti għandhom jiġu stabbiliti kif ġej:

[…]

3. il-livell ta' attività relatat mal-kombustibbli ta' element ta' allokazzjoni b'valur ta' emissjonijiet ta' kombustibbli huwa ugwali għall-kapaċità installata inizjali tal-element ta' allokazzjoni kkonċernat immultiplikat bil-fattur tal-użu tal-kapaċità applikabbli;

[…]

(2) Il-fattur tal-użu tal-kapaċità applikabbli msemmi fil-punti 2 sa 4 tal-paragrafu 1, għandu jiġi stabbilit abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant fuq:

1. l-użu effettiv tal-element ta' allokazzjoni sal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni u fuq l-operat previst tal-installazzjoni jew tal-element tal-allokazzjoni, il-perijodi ta' manutenzjoni u ċ-ċikli ta' produzzjoni previsti tagħhom,

2. l-użu ta' teknika b'effiċjenza għolja ta' enerġija u effiċjenti mill-perspettiva tal-gass serra li jistgħu jaffettwaw il-fattur tal-użu tal-kapaċità applikabbli tal-installazzjoni,

3. l-użu tal-kapaċità tipika fis-setturi kkonċernati.

[…]"[6]

[6] Nikkonstata li, fid-Deċiżjoni 2011/278, jintuża t-terminu "subinstallazzjoni", u mhux "element ta' allokazzjoni". Bl-istess mod, huwa t-terminu "parametru referenzjarju tal-fjuwil", u mhux "il-valur ta' emissjoni tal-karburant" li jintuża f'din id-deċiżjoni. Fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nirreferi biss għat-termini tal-imsemmija deċiżjoni, peress li l-interpretazzjoni tagħhom tapplika wkoll għal dak li jirrigwarda lil dawk li jintużaw fiż-ZuV 2020.

15. Skont l-Artikolu 18 taż-ZuV 2020, intitolat "Allokazzjoni għall-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq":

"(1) Għall-allokazzjoni ta' kwoti lill-installazzjonijiet ġodda, l-awtorità kompetenti għandha tikkalkola n-numru annwali provviżorju ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fil-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni għas-snin li jifdal tal-perijodu ta' skambju 2013 sa 2020 kif ġej u separatament għal kull element ta' allokazzjoni:

[…]

3. għal kull element ta' allokazzjoni b'valur ta' emissjonijiet ta' kombustibbli, in-numru annwali provviżorju ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas għandu jkun ugwali għall-prodott tal-valur ta' emissjonijiet ta' kombustibbli u tal-livell ta' attività relatat mal-kombustibbli;

[…]"

III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Ingredion, topera installazzjoni f'Hamburg (il-Ġermanja) intiża għall-produzzjoni ta' prodotti tal-lamtu [7]. Din l-installazzjoni tinkludi, bħala subinstallazzjonijiet, apparat ta' tisħin tal-arja u ġeneratur tal-fwar, li jużaw il-fwar u l-gass naturali sabiex jiġġeneraw sħana għall-produzzjoni tal-lamtu.

17. Fit-8 ta' Awwissu 2014, Ingredion talbet mingħand id-Deutsche Emissionshandelsstelle (id-Dipartiment Ġermaniż tal-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet, iktar 'il quddiem id-"DEHSt") l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għal dawn iż-żewġ subinstallazzjonijiet. Hija bbażat it-talba tagħha, għal waħda mill-imsemmija subinstallazzjonijiet, fuq parametru referenzjarju ta' sħana u, għall-oħra, fuq parametru referenzjarju ta' kombustibbli [8].

18. Sabiex jiġi ddeterminat in-numru provviżorju ta' kwoti ta' emissjonijiet li minnu setgħet tibbenefika mingħajr ħlas is-subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli, id-DEHSt, l-ewwel nett, ħa inkunsiderazzjoni fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' 109 %. Fil-fatt, skont id-data pprovduta minn Ingredion, l-użu effettiv tal-kapaċità ta' din is-subinstallazzjoni, matul il-perijodu li għadda bejn id-data tad-dħul fis-servizz regolari

[7] Il-prodotti tal-lamtu jiġbru flimkien il-prodotti agroalimentari kollha li fihom il-lamtu.

[8] Kif irrilevajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża INEOS Köln (C-572/16, EU:C:2017:896, punt 58 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 35), essenzjalment, "[i]l-parametri referenzjarji jirrappreżentaw ċerta kwantità ta' emissjonijiet […] li l-Kummissjoni tirrikonoxxi bħala neċessarju għall-produzzjoni ta' ċerta kwantità tal-prodott ikkonċernat" (ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Borealis Polyolefine *et*, C-191/14, C-389/14, C-192/14, C-295/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2015:754, punt 40). Sabiex jiġi kkalkolat in-numru annwali provviżorju ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas, l-Istati Membri huma obbligati li jagħmlu distinzjoni, konformement mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2011/278, bejn is-subinstallazzjonijiet skont l-attività tagħhom, sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk għandux jiġi applikat "parametru referenzjarju ta' prodott", "parametru referenzjarju tas-sħana" jew "parametru referenzjarju tal-fjuwil" jew ukoll fattur speċifiku għas-"subinstallazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' proċess" (ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et*, C-180/15, EU:C:2016:647, punt 61, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2018, INEOS, C-58/17, EU:C:2018:19, punt 28). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li d-definizzjonijiet, li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/278, tas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott, b'parametru referenzjarju tas-sħana, b'parametru referenzjarju tal-fjuwil u b'emissjonijiet minn proċess kienu reċiprokament esklużivi (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et*, C-180/15, EU:C:2016:647, punt 62).

tal-installazzjoni, il-15 ta' Awwissu 2013, u d-data tat-tressiq tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal allokazzjoni, l-20 ta' Ġunju 2014, kien ogħla minn 100 % tal-kapaċità installata oriġinali tagħha [9].

19. It-tieni nett, id-DEHSt qies li, peress li fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Marzu 2015 [10], il-Kummissjoni kienet ċaħdet fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' 100 % jew iktar għal tliet installazzjonijiet Ġermaniżi oħra, kien jeħtieġ għaldaqstant li wieħed jibbaża ruħu fuq fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' 99.9 %, u mhux ta' 109 %. Fuq din il-bażi, permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Settembru 2015, hija ddeterminat in-numru ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas allokati lil Ingredion għall-perijodu ta' allokazzjoni bejn is-sena 2013 u s-sena 2020.

20. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali opponiet din id-deċiżjoni. L-oppożizzjoni tagħha ġiet miċħuda b'deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2017, innotifikata fl-10 ta' Lulju 2017. Id-DEHSt immotiva dan ir-rifjut billi invoka, minbarra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2015, dokumenti ta' gwida ppubblikati minn din tal-aħħar [11].

21. Permezz tar-rikors tagħha ppreżentat fid-9 ta' Awwissu 2017 quddiem il-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja), ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tenniet it-talba tagħha.

22. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2019, id-DEHSt irtira d-deċiżjoni tiegħu tal-1 ta' Settembru 2015 inkwantu l-applikazzjoni għall-allokazzjoni kienet tinkludi żball ta' kalkolu għal dak li kien jikkonċerna s-subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli. Minħabba dan l-iżball fil-kalkolu, Ingredion emendat ir-rikors tagħha fl-20 ta' Jannar 2019.

23. Il-qorti tar-rinviju tindika li s-soluzzjoni tal-kawża mressqa quddiemha tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jistax jilħaq valur ogħla jew ugwali għal 100 %, għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli li, bħal dik ta' Ingredion, jappartjenu għall-iskema tal-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq".

24. B'mod partikolari, din il-qorti tirrileva li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma ssemmix eventwali limitazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur inqas minn 100 %. Hija tikkonstata li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża li tressqet quddiemha, l-applikazzjoni ta' fattur ogħla tirriżulta minn informazzjoni kkorroborata u vverifikata b'mod indipendenti, li tirrigwarda mhux biss l-operat normali previst mis-subinstallazzjoni ta' Ingredion, iżda wkoll l-operat effettiv tagħha

[9] Fir-rigward tal-kapaċità installata inizjali, infakkar li l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprovdi, essenzjalment, li għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri l-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, bl-eċċezzjoni tal-installazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' estensjoni sinjifikattiva wara t-30 ta' Ġunju 2011, il-kapaċità installata inizjali ta' kull subinstallazzjoni għandha tiġi ddeterminata billi jintuża bħala riferiment "perjodu kontinwu ta' 90 jum fuq il-bażi ta' liema l-bidu tal-operazzjoni normali huwa ddeterminat" (ara wkoll il-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[10] Deċiżjoni C (2015) 1733 finali tal-24 ta' Marzu 2015 dwar il-kwantità totali provviżorja ta' kwoti ta' emissjonijiet, ibbażati fuq ir-riżerva għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq, li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet Ġermaniżi rreġistrati DE000000000001744, DE000000000201341 u DE000000000203762.

[11] Dawn id-dokumenti, intitolati "Guidance Document nº 2 on the harmonized free allocation methodology for the EU-ETS post 2012 (Guidance on allocation methodologies)" [id-Dokument Gwida Nru 2 dwar il-metodu armonizzat ta' allokazzjoni mingħajr ħlas fl-Unjoni Ewropea wara l-2012 (Gwida tal-metodoloġiji tal-allokazzjoni)] u "Frequently Asked Questions on New Entrants & Closures Applications" [Mistoqsijiet Spissi fuq l-Applikazzjonijiet Relatati mal-Installazzjonijiet li Jidħlu Ġodda fis-Suq u Installazzjonijiet li Jagħlqu), huma aċċessibbli fis-sit internet tal-Kummissjoni, fl-indirizz: https://ec.europa.eu/clima/policies/ets/allowances_en#tab-0-1

sal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. Hija żżid li, b'kuntrast mal-installazzjonijiet eżistenti [12], il-perijodu ta' referenza għall-operaturi l-ġodda jikkorrispondi, skont l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278, għad-90 jum wara l-bidu tal-operat normali, u mhux għal perijodu ta' erba' snin [13].

25. Madankollu, l-imsemmija qorti tosserva wkoll li paragun mal-operaturi l-ġodda li għandhom subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott juri li, għal dawn tal-aħħar, il-fattur ta' użu tal-kapaċità standard applikabbli għalihom, skont l-Artikolu 18(1)(a) ta' din id-deċiżjoni, fl-ebda każ ma jilħaq valur ta' 100 % [14]. Barra minn hekk, l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas konformement mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 tiddevja temporanjament mill-prinċipju tal-irkantar tal-kwoti [15] stabbilit minn din id-direttiva, li jimmilita favur interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 18(1)(c) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni [2011/278], moqri flimkien mal-Artikolu 3(h) u mal-Artikolu 10a tad-Direttiva [2003/87], għandhom jiġu interpretati fis-sens li, għal installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal-livell ta' attività relatat mal-fjuwil għandu jkun limitat għal valur ta' inqas minn 100 %?"

27. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja minn Ingredion, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u mill-Kummissjoni Ewropea.

28. Ingredion, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, li nżammet fit-12 ta' Marzu 2020.

IV. Analiżi

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

29. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tistieden essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk, fil-kuntest tal-iskema ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas lill-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jistax, fir-rigward ta' subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli, ikun ogħla minn jew

[12] Skont l-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni 2011/278, l-"installazzjoni eżistenti" hija ddefinita bħala "kwalunkwe installazzjoni li […] (i) kisbet permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra qabel it-30 ta' Ġunju 2011 jew; (ii) li qiegħda fil-fatt topera, li kisbet il-permessi ambjentali rilevanti kollha, […] fejn applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2011 u ssodisfat sat-30 ta' Ġunju 2011, il-kriterji l-oħrajn kollha ddefiniti fl-ordni legali nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat […]".

[13] Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2011/278, "[g]ħall-installazzjonijiet eżistenti, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livelli storiċi ta' attività għal kull installazzjoni għall-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2008, jew, meta jkunu ogħla, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010 […]".

[14] Il-valuri tal-fattur ta' użu tal-kapaċità standard huma stabbiliti skont l-anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/447/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità skont l-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE (ĠU 2013, L 240, p. 23).

[15] Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87, intitolat "L-irkant tal-kwoti", huwa previst b'mod partikolari li, għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness I ta' din id-direttiva, minbarra l-attivitajiet tal-avjazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirkantaw, b'effett mis-sena 2013, "il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas taħt l-Artikolu 10a u 10c".

ugwali għal valur ta' 100 %. Jekk ikun il-każ, dan il-fattur jippermetti, meta l-użu effettiv tal-kapaċità ta' din is-subinstallazzjoni jeċċedi l-kapaċità installata inizjali tagħha, li jingħataw numru ikbar ta' kwoti mingħajr ħlas.

30. Infakkar li l-imsemmi fattur jippermetti, meta jiġi mmultiplikat bil-kapaċità installata inizjali ta' subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli, li jiġi kkalkolat il-livell ta' attività relatat mal-kombustibbli. Skont l-Artikolu 19(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2011/278, in-numru annwali provviżorju ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas jiġi sussegwentement iddeterminat billi dan il-livell ta' attività jiġi mmultiplikat bil-valur tal-parametru referenzjarju korrispondenti.

31. F'dan ir-rigward, nikkonstata li għalkemm il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għandu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, "jkun stabbilit mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-informazzjoni ssostanzjata kif jixraq u vverifikata b'mod indipendenti […] meta mqabbel ma' informazzjoni speċifika għas-settur", din id-dispożizzjoni min-naħa l-oħra ma tipprevedix limitazzjoni espliċita tal-valur ta' dan il-fattur.

32. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom u waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet ukoll esprimew din il-konstatazzjoni. Huma essenzjalment sostnew tliet argumenti differenti, li jistgħu jinġabru fil-qosor fit-termini li ġejjin.

33. L-ewwel nett, Ingredion qieset li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jista' jiġi aġġustat għal valur ogħla minn 100 % meta, fuq perijodu li jmur lil hinn minn dak ta' 90 jum mill-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni, l-użu effettiv tal-kapaċità tas-subinstallazzjoni tagħha b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli jaqbeż il-kapaċità inizjali installata tagħha [16].

34. It-tieni nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern Ġermaniż qiesu, essenzjalment, li l-kwistjoni dwar jekk dan il-fattur huwiex limitat jew le għal valur inqas minn 100 % tiddependi essenzjalment mill-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, sabiex jiddeterminaw l-imsemmi fattur [17].

35. It-tielet nett, il-Kummissjoni sostniet li, skont l-Artikolu 3(i) u l-Artikolu 20 ta' din id-deċiżjoni, huma biss l-estensjonijiet sinjifikattivi ta' kapaċità, jiġifieri l-estensjonijiet ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla mal-kapaċità installata inizjali, li setgħu jwasslu għal bidla fin-numru ta' kwoti mingħajr ħlas allokati provviżorjament lil parteċipant ġdid. Il-fatt li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jkun jista' jintuża sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni estensjonijiet li, bħal fil-każ ta' Ingredion, ma jaqbżux dan il-limitu ta' 10 % u għalhekk ma jaqgħux taħt il-mekkaniżmu previst minn dawn id-dispożizzjonijiet, imur kontra l-istruttura u l-għanijiet tal-imsemmija deċiżjoni. Barra minn hekk, għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott li jaqgħu taħt l-iskema applikabbli għall-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", il-valur tal-fattur ta' użu tal-kapaċità standard ikun dejjem inqas minn 100 %. Fid-dawl

[16] Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Ingredion ippreċiżat li l-pożizzjoni tagħha ma kinitx li l-kapaċità massima ta' subinstallazzjoni kellha tittieħed bħala riferiment, iżda li l-fattur tal-kapaċità applikabbli kellu jirrifletti l-użu effettiv tal-kapaċità ta' din is-subinstallazzjoni.

[17] Għall-kompletezza, inżid li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li kemm il-pożizzjoni ta' Ingredion kif ukoll dik tal-Kummissjoni kienu kompatibbli mad-Direttiva 2003/87 u mad-Deċiżjoni 2011/278. Madankollu hija enfasizzat li l-Istati Membri kellhom id-dritt li jibbażaw ruħhom fuq deċiżjonijiet definittivi tal-Kummissjoni, dwar l-allokazzjoni provviżorja ta' kwoti mingħajr ħlas lil installazzjonijiet oħra li jinsabu fit-territorju tagħhom, u li d-DEHSt seta', fid-dawl tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 1733 finali tal-24 ta' Marzu 2015 jirrifjuta li japplika fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' valur ta' iktar minn jew ugwali għal 100 %.

tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", l-istess għandu japplika fir-rigward tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli.

36. Qabel kollox, ninnota li t-tħassib espress minn Ingredion jidhirli li huwa essenzjalment ibbażat fuq it-tul, fil-fehma tagħha qasir wisq, tal-perijodu ta' referenza użat għall-kalkolu tal-kapaċità installata inizjali. Infakkar li, skont l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278, dan il-perijodu jikkorrispondi għal 90 jum wara l-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni [18].

37. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, id-dritt Ġermaniż jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-operat effettiv tal-installazzjoni sal-preżentazzjoni tat-talba għal allokazzjoni [19]. Ingredion tqis, essenzjalment, li l-valur ta' dan il-fattur għandu għalhekk jirrifletti l-użu effettiv tal-kapaċità tas-subinstallazzjoni, kif ikun jidher fi tmiem dan il-perijodu (fil-każ ta' Ingredion, bejn il-15 ta' Awwissu 2013 u l-20 ta' Ġunju 2014), jekk ikun il-każ, permezz ta' valur ogħla minn 100 %, meta dan l-użu jeċċedi l-kapaċità installata inizjali.

38. Fit-taqsimiet li ġejjin, ser nesponi r-raġunijiet li għalihom inqis, b'kuntrast ma' Ingredion, li l-limitazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur inqas minn 100 % hija neċessarja fid-dawl, l-ewwel nett, tal-formulazzjoni u tal-kuntest tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, li jirrigwarda l-fattur tal-kapaċità standard applikabbli għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott (Taqsima B), it-tieni nett, tal-istruttura ġenerali ta' din id-deċiżjoni (Taqsima Ċ) u, it-tielet nett, tal-għan globali u tal-għanijiet tas-sistema ta' allokazzjoni provviżorja tal-kwoti (Taqsima D).

39. Sussidjarjament, ser nagħmel xi rimarki dwar il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tal-imsemmija deċiżjoni, sabiex tingħata risposta għall-argumenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tal-Gvern Ġermaniż (Taqsima E).

B. Interpretazzjoni fid-dawl tal-formulazzjoni u tal-kuntest tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278

40. Nikkonstata li, skont l-Artikolu 18(1)(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, il-formula ta' kalkolu applikabbli għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell ta' attività tas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott hija differenti minn dik applikabbli għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' sħana, kombustibbli jew emissjonijiet minn proċess [20]. Fil-fatt, fil-każ tas-subinstallazzjonijiet b'parametru

[18] Nippreċiża li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja enfasizzat ukoll li "l-argument prinċipali kontra […] limitazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli huwa li l-kapaċità installata inizjali, iddeterminata skont l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278, ma [kinitx] dejjem rappreżentattiva tal-kapaċità tal-installazzjoni, minħabba l-perijodu qasir ta' 90 jum".

[19] L-Artikolu 17(2) (1) taż-ZuV 2020 jipprovdi li, għas-subinstallazzjonijiet stabbiliti fit-territorju Ġermaniż, il-fattur tal-kapaċità applikabbli għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' informazzjoni li tikkonċerna, b'mod partikolari, l-operazzjoni effettiva tas-subinstallazzjoni *sal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-allokazzjoni*, kif ukoll l-operat previst tal-installazzjoni jew tas-subinstallazzjoni, il-perijodi tagħhom ta' manutenzjoni u ċ-ċikli ta' produzzjoni previsti. Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja enfasizzat li, sa fejn l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas spiss kienu ppreżentati mill-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq biss wara sena ta' użu tas-subinstallazzjoni, kien possibbli, skont iż-ZuV 2020, li jintuża l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli sabiex jiġu rrettifikati ineżattezzi eventwali fid-data miġbura matul il-perijodu ta' referenza, billi wieħed jibbaża ruħu fuq data oħra li twassal sal-ġurnata tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni indikat li din id-data addizzjonali ma kinitx indispensabbli għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, b'tali mod li ma kienx hemm lok, għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri kollha, li jeħduha inkunsiderazzjoni.

[20] Fir-rigward tar-rilevanza u tar-rabta bejn dawn id-diversi parametri referenzjarji, nirreferi għan-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

referenzjarju ta' prodott, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ma huwiex rilevanti u hemm lok li jittieħed bħala bażi l-fattur ta' użu tal-kapaċità standard, li l-valur tiegħu huwa ddeterminat mill-Kummissjoni, b'mod konkret u preċiż [21].

41. F'dan ir-rigward, nosserva, kif barra minn hekk irrilevat il-qorti tar-rinviju, li, skont id-Deċiżjoni 2013/447, fejn ġie ffissat dan il-fattur għas-snin 2013 sa 2020, il-valuri huma, għal kull wieħed mill-każijiet previsti, inqas minn 1 (u għalhekk minn 100 %) [22].

42. Nammetti li għandi xi diffikultajiet sabiex nikkonċepixxi li l-fattur użat sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' attività applikabbli għall-installazzonijiet li jidħlu ġodda fis-suq u, sussegwentement, in-numru ta' kwoti provviżorji li għandhom jiġu allokati lil dawn tal-aħħar, jista', fil-każ tas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli, ikun ogħla minn valur ta' 100 %, filwaqt li tali possibbiltà hija eskluża għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott.

43. Fil-fatt, minn naħa, inqis li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, li huwa essenzjalment sanċit fil-premessa 36 tad-Deċiżjoni 201/278 [23], jeżiġi, kif issostni r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li l-limiti imposti fuq il-valur tal-fattur użat sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' attività jkunu l-istess għall-"installazzjoni li daħlu ġodda fis-suq".

44. Min-naħa l-oħra, mill-qari konġunt tad-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3 (b) sa (d) u (h) tad-Deċiżjoni 2011/278 jirriżulta li l-metodu ta' kalkolu ddefinit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) ta' din id-deċiżjoni, għall-installazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott, għandu jitqies li huwa l-iktar wieħed preċiż. Kif spjegat il-Kummissjoni, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jintuża biss meta ma jkunx possibbli li jiġi kkalkolat parametru referenzjarju ta' prodott [24].

45. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-ġerarkija bejn il-parametri referenzjarji differenti li jistgħu japplikaw għal subinstallazzjoni partikolari, li hija espressament prevista fil-premessa 12 tad-Deċiżjoni 2011/278. Din il-premessa tipprovdi li l-metodi ta' allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas applikabbli għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' sħana jew ta' kombustibbli jew emissjonijiet minn proċess jikkostitwixxu "tliet mudelli ta' riżerva" fil-każijiet fejn ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat parametru referenzjarju ta' prodott.

46. Għaldaqstant, jidhirli li jekk il-fattur ta' użu tal-kapaċità standard ikun, skont id-Deċiżjoni 2013/447, inqas minn 1 (jew 100 %), dan għandu jkun ukoll il-każ fir-rigward tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta'

[21] Barra minn hekk, infakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, il-fattur ta' użu tal-kapaċità standard, li japplika għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' prodott, jikkorrispondi għat-"80 perċent[wa]li tal-fatturi medji annwali tal-kapaċità ta' utilizzazzjoni tal-installazzjonijiet kollha li jipproduċu l-prodott ikkonċernat".

[22] B'mod iktar preċiż, dawn il-valuri huma inklużi bejn 0.731 u 0.964.

[23] Nippreċiża li, skont il-premessa 36 tad-Deċiżjoni 2011/278, "[m]inħabba n-numru limitat ta' kwoti fir-riżerva għal operaturi ġodda, huwa xieraq li jiġi evalwat, meta ammont konsiderevoli ta' dawn il-kwoti jinħareġ lil operaturi ġodda, jekk aċċess ġust u ekwu għall-kwoti li jifdal għal din ir-riżerva jkunx garantit" (enfasi miżjuda minni).

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2016, Borealis Polyolefine *et* (C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2016:311, punt 68). L-interpretazzjoni adottata mill-Kummissjoni jidhirli wkoll li hija kkonfermata mill-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2011/278, li minnha jirriżulta li "*[s]afejn huwa fattibbli*, il-Kummissjoni żviluppat parametri referenzjarji għall-prodotti" (enfasi miżjuda minni).

kombustibbli. Din il-limitazzjoni hija neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-installazzjonijiet l-ġodda kollha u sabiex tiġi osservata l-ġerarkija bejn dawn il-parametri referenzjarji [25].

C. Interpretazzjoni fid-dawl tal-istruttura ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/278

47. Barra minn hekk, jidhirli li l-limitazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur inqas minn 100 % hija neċessarja fid-dawl tal-istruttura ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/278 u tal-metodi differenti ta' kalkolu previsti minn din id-deċiżjoni, fil-qasam tal-allokazzjoni provviżorja ta' kwoti mingħajr ħlas, għall-"installazzjonijiet eżistenti" [26] u għall-"installazzjonijiet li kienu suġġetti għal estensjoni sinjifikattiva fil-kapaċità" [27].

1. Fuq is-sistema applikabbli għall-"installazzjonijiet eżistenti"

48. Fir-rigward tal-"installazzjonijiet eżistenti", nirrileva li dawn huma s-suġġett ta' skema distinta minn dik applikabbli għall-"installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq". Fil-każijiet fejn għandu jiġi applikat, fir-rigward tagħhom, parametru referenzjarju ta' kombustibbli, in-numru annwali provviżorju ta' kwoti mingħajr ħlas jikkorrispondi, kif jirriżulta mill-Artikolu 10(2)(b)(ii) tad-Deċiżjoni 2011/278, għall-valur tal-parametru referenzjarju tal-kombustibbli mmultiplikat bil-livell ta' attività storiku relatat mal-kombustibbli għall-kombustibbli kkonsmati. Dan il-livell ta' attività jikkorrispondi, essenzjalment, għall-valur medjan tal-konsum annwali storiku ta' kombustibbli użati għal ċertu numru ta' produzzjonijiet [28], matul perijodu ta' referenza bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2008 jew bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010 [29].

49. Nosserva li dan il-perijodu ta' referenza (minn sentejn sa erba' snin) huwa ferm itwal minn dak ta' 90 jum, stabbilit minn din id-deċiżjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-kapaċità installata inizjali tal-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq. Barra minn hekk, kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni, il-kalkolu tal-livell ta' attività tal-installazzjonijiet eżistenti jsir mingħajr ma jkun involut fattur paragunabbli ma' dawk applikabbli għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq.

[25] B'mod partikolari, sa fejn, skont id-Deċiżjoni 2013/447, il-fattur ta' użu tal-kapaċità standard fl-ebda każ ma jilħaq valur ta' 1, jidhirli li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għandu jibqa' strettament inqas minn valur ta' 100 %.

[26] Fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "installazzjonijiet eżistenti", ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Għal dak li jirrigwarda l-installazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' estensjoni sinjifikattiva fil-kapaċità, nippreċiża li dawn huma inklużi fid-definizzjoni ta' "installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq", fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87. Fil-fatt, hija ddefinita bħala "installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" mhux biss "kwalunkwe istallazzjoni li […] tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju 2011" (kif wara kollox huwa l-każ tas-subinstallazzjoni ta' Ingredion li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali), iżda wkoll "kull istallazzjoni […] li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju 2011, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni".

[28] Id-diversi produzzjonijiet rilevanti huma elenkati fl-Artikolu 9(4) tad-Deċiżjoni 2011/278.

[29] Kif diġà indikajt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan il-perijodu (minn sentejn sa erba' snin) huwa ddefinit fl-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2011/278.

50. F'dan il-kuntest, wieħed jista' jistaqsi dwar ir-rwol tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, fir-rigward tas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli li jaqgħu taħt l-iskema ta' "installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq". Dan huwa intiż, kif issostni Ingredion, sabiex jikkumpensa t-tul relattivament iqsar tal-perijodu ta' referenza użat għall-kalkolu tal-kapaċità inizjali installata ta' dawn is-subinstallazzjonijiet?[30]

51. Jien inqis li r-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv.

52. Ċertament, it-tul ta' żmien varjabbli tal-perijodi ta' referenza meħuda inkunsiderazzjoni għall-installazzjonijiet eżistenti u għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq iwassal għal probabbiltà ikbar għal dawn tal-aħħar milli għall-installazzjonijiet eżistenti li l-kapaċità installata inizjali tas-subinstallazzjoni tagħha ma tkunx rappreżentattiva tal-użu effettiv tal-kapaċità tagħhom. Skont l-approċċ irrakkomandat minn Ingredion, dan ir-riskju jista' jiġi parzjalment ikkumpensat permezz tat-teħid inkunsiderazzjoni, fl-istadju tad-determinazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, ta' data li tirriżulta minn perijodu itwal, li twassal sal-ġurnata tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal allokazzjoni, li tippermetti, jekk ikun il-każ, li jiżdied il-livell ta' attività tas-subinstallazzjonijiet u, konsegwentement, in-numru ta' kwoti allokati mingħajr ħlas.

53. Madankollu, jidhirli li, anki jekk jiġi rifless, fil-valur tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, l-użu effettiv ta' kull subinstallazzjoni bejn tmiem il-perijodu ta' referenza ta' 90 jum u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal allokazzjoni ta' kwoti, id-data miġbura fir-rigward tal-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq ma tistax testendi fuq perijodu ugwali għal dak relatat mad-data storika[31] tal-installazzjonijiet eżistenti. Fil-fatt, peress li l-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87 jipprevedi li l-kunċett ta' "installazzjoni li daħlet ġdida fis-suq" jinkludi b'mod partikolari l-installazzjonijiet kollha li jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni għall-emissjoni ta' gassijiet serra għall-ewwel darba *wara t-30 ta' Ġunju 2011*, huwa sempliċement impossibbli, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal allokazzjoni, li jiġi applikat fil-konfront tagħhom perijodu ta' referenza twil daqs dak tal-installazzjonijiet eżistenti.

54. Barra minn hekk u fuq kollox, l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278, li jipprovdi li huwa previst il-perijodu qasir ta' referenza ta' 90 jum, ma jħalli ebda lok għall-ambigwità. Il-Kummissjoni ppreċiżat li hija kienet taf, fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, li l-operat normali previst tal-installazzjonijiet jew subinstallazzjonijiet li jkunu daħlu ġodda fis-suq ma kienx ser ikun għadu ntlaħaq fid-data li fiha jibda jiddekorri dan il-perijodu. Hija żiedet, ġustament, li l-possibbiltà li l-użu effettiv tal-kapaċità tal-installazzjoni jew subinstallazzjoni jeċċedi l-kapaċità installata inizjali użata sabiex jiġi ddeterminat in-numru provviżorju ta' kwoti mingħajr ħlas allokati lill-"installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq", kienet "konxjament

[30] F'dan ir-rigward, nirrileva li, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 tal-Kummissjoni tas-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2019, L 59, p. 8), l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lil "installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq", għall-perijodu bejn is-snin 2021 u l-2030 (jiġifieri għar-raba' perijodu ta' skambju), issir abbażi tal-livell ta' attività storika, evalwat matul l-ewwel sena normali. Għalhekk, għall-allokazzjonijiet mis-sena 2021, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli u l-perijodu ta' referenza ta' 90 jum ma humiex iktar rilevanti.

[31] Infakkar li, skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2011/278, għal kull installazzjoni eżistenti, l-Istati Membri "jiġbru mingħand l-operatur l-informazzjoni u d-dejta kollha rilevanti […] għas-snin kollha tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2008 jew, jekk ikun il-każ, mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010, li matulhom l-installazzjoni kienet qed topera, l-informazzjoni u l-informazzjoni rilevanti kollha […]".

aċċettata"[32] waqt l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/278, peress li din kienet tipprevedi, fl-Artikolu 3(n) tagħha, li dan il-perijodu ta' referenza beda jiddekorri mill-mument meta l-installazzjoni laħqet l-40 % mill-kapaċità li għaliha kienet maħsuba.

55. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis, bħar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li żieda, fil-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli, għal valur ogħla jew ugwali għal 100 %, fil-każijiet fejn l-użu effettiv tal-kapaċità ta' subinstallazzjoni bħal dik operata minn Ingredion tilħaq jew taqbeż il-kapaċità installata inizjali tagħha, tmur kontra l-għażla deliberata tal-leġiżlatur li jillimita l-perijodu ta' referenza, użat sabiex tiġi ddeterminata din il-kapaċità installata inizjali, għal 90 jum wara l-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni. Tali żieda twassal, *fl-aħħar nett*, sabiex jiġi kontradett il-kliem tal-Artikolu 17(4) ta' din id-deċiżjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 3(n) tagħha, peress li din twassal għall-istess riżultat bħal żieda fl-imsemmija kapaċità.

56. Inżid li, kif sostnew ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kummissjoni, kull differenza fit-trattament bejn l-installazzjonijiet eżistenti u l-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq jidhirli li, fi kwalunkwe każ, hija oġġettivament iġġustifikata[33], peress li n-numru annwali provviżorju ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas ma jiddependix mill-*emissjonijiet reali* tal-benefiċjarju, iżda mill-"*parametri referenzjarji" teoretiċi* kkalkolati mill-Kummissjoni mill-emissjonijiet ta' 10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti, skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87.

57. Għalhekk, indidpendentement mill-iskema li taħtha taqa' subinstallazzjoni (jiġifieri, l-iskema applikabbli għall-installazzjonijiet eżistenti jew l-iskema applikabbli għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq), in-numru provviżorju ta' kwoti mingħajr ħlas jiddependi fuq dawn il-parametri referenzjarji teoretiċi, li huma l-istess għall-installazzjonijiet eżistenti kif ukoll għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq. Id-differenzi marbutin mal-elementi l-oħra involuti f'dan il-kalkolu joriġinaw min-nuqqas ta' data storika affidabbli u permanenti għall-installazzjonijiet ġodda li bdew joperaw, u mill-ħtieġa li jibbażaw ruħhom, konsegwentement, fuq stima tal-livell ta' attività tagħhom, sabiex jiġi ddeterminat in-numru provviżorju ta' kwoti li huma jistgħu jibbenefikaw minnhom mingħajr ħlas.

58. F'dan ir-rigward, għandi nenfasizza wkoll li l-Artikoli 20 u 21 tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprevedu diġà l-applikazzjoni tal-istess formula ta' kalkolu għall-installazzjonijiet eżistenti u għall-installazzjonijiet li bdew joperaw wara t-30 ta' Ġunju 2011[34], sakemm dawn tal-aħħar kienu s-suġġett ta' bidla sinjifikattiva fil-kapaċità tagħhom, jiġifieri li jkunu għaddew minn "estensjoni sinifikanti tal-kapaċità jew tnaqqis sinifikanti tal-kapaċità"[35].

[32] Nippreċiża li, billi adottat id-Deċiżjoni 2011/278, il-Kummissjoni aġixxiet abbażi tal-kompetenzi ta' implimentazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont l-Artikolu 291(3) TFUE, meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu minn qabel ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll, mill-Istati Membri, tal-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' implimentazzjoni minn din tal-aħħar. Barra minn hekk, il-Parlament jista' jopponi tali atti u l-Kummissjoni hija għalhekk obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni din il-pożizzjoni, anki jekk hija ma hijiex obbligata li taċċettaha.

[33] F'dan ir-rigward, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' trattament ugwali jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23).

[34] Il-paragrafu 1 tal-Artikoli 20 u 21 tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprevedi, essenzjalment, li, meta installazzjoni kienet is-suġġett ta' estensjoni jew ta' tnaqqis sinjifikattiv ta' kapaċità wara t-30 ta' Ġunju 2011, l-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-operatur, jiddeterminaw in-numru ta' kwoti ta' emissjonijiet li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-estensjoni jew it-tnaqqis. F'dan il-każ, huwa l-metodu ddefinit fl-Artikolu 19 ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri l-metodu ta' kalkolu previst għall-operaturi l-ġodda, li japplika.

[35] Din id-definizzjoni tal-kunċett ta' "bidla sinifikanti tal-kapaċità" tirriżulta mill-Artikolu 3(k) tad-Deċiżjoni 2011/278.

59. Għalhekk, anki jekk jeżisti riskju ikbar, meħud mil-leġiżlatur, li l-livell ta' attività ma jkunx rappreżentattiv tal-użu effettiv tal-kapaċità għall-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq meta mqabbla mal-installazzjonijiet eżistenti, kull differenza ta' iktar minn 10 % tista', eventwalment, tittieħed inkunsiderazzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278 [36]. F'dan il-każ, perijodu ta' sitt xhur, u mhux biss ta' 90 jum, ġie espressament stabbilit ukoll mil-leġiżlatur sabiex tiġi ddeterminata l-kapaċità miżjuda [37].

60. Konsegwentement, inqis li minn eżami komparattiv tal-iskemi applikabbli għall-installazzjonijiet eżistenti u għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq ma jistax jiġi dedott li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għandu jkun, meta l-użu effettiv tal-kapaċità ta' subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli jilħaq jew jaqbeż il-kapaċità installata inizjali tagħha, ta' valur ugwali jew ogħla minn 100 %. Għall-kuntrarju, ir-rieda espressa tal-leġiżlatur li jillimita l-perijodu ta' referenza, għall-installazzjonijiet li jidħlu fis-suq, għal 90 jum wara l-bidu tal-operat normali tal-installazzjoni timmilita, fil-fehma tiegħi, u kif indikajt fil-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, favur limitazzjoni tal-valur ta' dan il-fattur taħt din il-perċentwali.

2. Fuq l-iskema applikabbli għall-"installazzjonijiet li kienu suġġetti għal estensjoni sinjifikattiva fil-kapaċità"

61. Barra minn hekk, inqis li jkun kuntrarju għall-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278, il-fatt li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jkun jista', fir-rigward tas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli li jaqgħu taħt l-iskema applikabbli għall-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", jilħaq jew jaqbeż il-valur ta' 100 %, meta l-estensjoni tal-kapaċità tibqa' inqas mil-limitu ta' 10 % stabbilit f'din id-dispożizzjoni.

62. Infakkar f'dan ir-rigward li, skont l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278, in-numru ta' kwoti ta' emissjonijiet li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-estensjoni sinjifikattiva tal-kapaċità ta' installazzjoni jiddependi, kif enfasizzat ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, miż-żewġ kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(i) ta' din id-deċiżjoni.

63. Għaldaqstant, minn naħa, irid ikun hemm bidla fiżika identifikabbli waħda jew iktar, li jkollha rabta mal-konfigurazzjoni teknika u mal-operat tas-subinstallazzjoni, iktar milli sempliċi sostituzzjoni ta' linja ta' produzzjoni eżistenti. Min-naħa l-oħra, is-subinstallazzjoni għandha tkun tista' tiġi operata b'kapaċità ogħla b'minn tal-inqas 10 % tal-kapaċità installata inizjali tagħha qabel il-bidla jew ikollha livell ta' attività nettament ogħla li jwassal għal allokazzjoni addizzjonali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' iktar minn 50 000 kwota fis-sena.

[36] Ċertament, il-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278 ma jippermettix li jiġi rrettifikat *a posteriori* n-numru provviżorju ta' kwoti allokati mingħajr ħlas lil subinstallazzjoni, abbażi tal-ewwel talba mressqa. Għaldaqstant, huwa minnu, fil-każ tal-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq li l-eventwali sottovalutazzjoni tal-kapaċità applikabbli, waqt l-ewwel allokazzjoni, ma tkunx tista' tiġi kkumpensata ulterjorment. Madankollu, il-Kummissjoni ppreċiżat, waqt is-seduta, li l-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq setgħu jaqgħu taħt dan l-Artikolu 20 mis-sena ta' wara din l-ewwel allokazzjoni, bil-kundizzjoni li jkun kellhom estensjoni sinjifikattiva tal-kapaċità tagħhom.

[37] Ara l-Artikolu 3(l) tad-Deċiżjoni 2011/278. Nirrileva li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, Ingredion tibbaża ruħha fuq l-użu effettiv tas-subinstallazzjoni tagħha għall-perijodu mill-15 ta' Awwissu 2013 sal-20 ta' Ġunju 2014, jiġifieri perijodu ta' iktar minn għaxar xhur. Għaldaqstant hija tallega li, fil-każ fejn subinstallazzjoni jkollha użu ikbar ta' 9% meta mqabbel mal-kapaċità installata inizjali tagħha, wara l-perijodu ta' referenza ta' 90 jum u qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, il-fattur tal-kapaċità applikabbli jista' jiġi adattat abbażi ta' data relatata ma' perijodu sostanzjalment itwal (mill-inqas erba' xhur) minn dak applikabbli fil-każ ta' estensjoni sinjifikattiva ta' kapaċità (jiġifieri fil-każ ta' estensjoni ta' iktar minn 10 %).

64. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 20(2) tad-Deċiżjoni 2011/278, "[l]-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur jissottometti flimkien mal-applikazzjoni evidenza li turi li l-kriterji għal estensjoni sinifikanti tal-kapaċità ġew issodisfati".

65. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li, jekk, kif tallega Ingredion, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli seta' jilħaq valur ogħla minn 100 %, sabiex jirrifletti, bħal fil-każ tas-subinstallazzjoni tiegħu, użu effettiv ikbar ta' 9 % meta mqabbel mal-kapaċità installata inizjali [38], tali possibbiltà tkun inkonsistenti mar-rieda espressa tal-leġiżlatur li jippermetti aġġustament tan-numru ta' kwoti allokati biss fil-każijiet fejn l-estensjoni tkun sinjifikattiva, jiġifieri ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla mal-kapaċità installata inizjali.

66. Din l-intenzjoni tal-leġiżlatur jidhirli li hija inkluża b'mod ċar fil-premessa 35 tad-Deċiżjoni 2011/278, li tipprevedi li "[l]-investimenti f'estensjonijiet sinifikanti tal-kapaċità li jagħtu aċċess għar-riserva lill-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq […] ma għandhomx ikunu ambigwi u għandhom ikunu ta' ċerta skala sabiex ikun evitat eżawriment bikri tar-riserva ta' kwoti tal-emissjonijiet maħluqa għall-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq, biex ikun evitat xkiel għall-kompetizzjoni, biex ikun evitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux xieraq u biex ikun żgurat trattament ugwali lill-installazzjonijiet fl-Istati Membri kollha" [39].

67. Inżid li, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kkonfermat li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ma għandux iservi sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-eventwali estensjonijiet tal-kapaċità tal-installazzjoni, peress li dawn kienu diġà koperti mill-mekkaniżmu speċifiku, u mil-limiti, previsti fl-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278.

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena naqbel ma' din il-pożizzjoni.

3. Konklużjoni intermedja

69. Fid-dawl tal-iskemi applikabbli għall- "installazzjonijiet eżistenti" u għall-"installazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' estensjoni sinjifikattiva tal-kapaċità tagħhom", inqis li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għandu, skont l-istruttura ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/278, ikun limitat għal valur inqas minn 100 % [40].

70. Fit-taqsima li ġejja, ser nanalizza għaliex l-għanijiet tal-iskema ta' allokazzjoni provviżorja ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, prevista minn din id-deċiżjoni u d-Direttiva 2003/87, jidher li jirreferu wkoll għal-limitazzjoni tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur inqas minn 100 %.

38 Skont Ingredion, il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għandu, f'dan il-każ, jiġi stabbilit b'mod korrelattiv għal valur ta' 109 %.

39 Infakkar, f'dan ir-rigward, li skont l-Artikolu 19(4) tad-Deċiżjoni 2011/278, il-kwoti ta' emissjonijiet tar-riżerva għall-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq għandhom jiġu allokati abbażi ta' "min jiġi l-ewwel, ikun servut l-ewwel".

40 Ara, fl-istess sens, "Guidance Document nº 2 on the harmonized free allocation methodology for the EU-ETS post 2012 (Guidance on allocation methodoloġies)" (id-Dokument Gwida Nru 2 dwar il-metodu armonizzat ta' allokazzjoni mingħajr ħlas fl-Unjoni Ewropea wara l-2012 (Gwida tal-metodoloġiji tal-allokazzjoni), p. 32) u "Frequently Asked Questions on New Entrants & Closures Applications" (Mistoqsijiet spissi fuq l-applikazzjonijiet relatati mal-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq u installazzjonijiet li jagħlqu, p. 8), invokati mill-qorti tar-rinviju, li jipprevedu li ebda valur ta' fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ogħla jew ugwali għal 100 % ma għandu jkun aċċettat. F'dan ir-rigward, infakkar li għalkemm dawn id-dokumenti ma humiex legalment vinkolanti, huma jikkostitwixxu madankollu indizji addizzjonali ta' natura li jiċċaraw l-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2003/87 u tad-Deċiżjoni 2011/278 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2018, INEOS, C-58/17, EU:C:2018:19, punt 41 u l-ġuridprudenza ċċitata, kif ukoll tal-14 ta' Mejju 2020, Spenner, C-189/19, EU:C:2020:381, punt 49).

D. Interpretazzjoni fid-dawl tal-għan globali u tal-għanijiet tal-iskema ta' allokazzjoni provviżorja ta' kwoti mingħajr ħlas

71. Infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha [41].

72. Fir-rigward tal-għan globali u tal-għanijiet tal-iskema ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas implimentata mill-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 u mid-Deċiżjoni 2011/278, nosserva li din l-iskema tidderoga mill-prinċipju tal-irkant tal-kwoti, li l-leġiżlatur qies li kienet ġeneralment "l-aktar [waħda] faċli u meqjus […] bħala s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament" [42], fid-dawl tal-għan tat-"tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet b'mod effettiv f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż u l-effiċjenza ekonomika", stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87 [43].

73. F'dan il-kuntest, il-kwantità ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas hija, skont l-Artikolu 10a(11) tad-Deċiżjoni 2011/278, imnaqqsa gradwalment matul il-perijodu mis-sena 2013 sas-sena 2020, bil-għan li tintlaħaq it-tneħħija totali ta' dawn il-kwoti mingħajr ħlas minn issa sas-sena 2027 [44]. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, għall-finijiet ta' perkors lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, hija għalhekk progressivament mistennija tkun ibbażata esklużivament fuq il-prinċipju tal-bejgħ bl-irkant.

74. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan l-għan, il-premessa 36 tad-Deċiżjoni 2011/278 tenfasizza n-numru limitat ta' kwoti disponibbli fir-riżerva għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda [45]. Barra minn hekk, it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10a(7) tad-Direttiva 2003/87 tipprovdi li l-kwoti ta' emissjonijiet irriżervati għall-installazzjonijiet li jidħlu fis-suq li ma jiġux allokati għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri.

75. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li għalkemm, billi adottat id-Deċiżjoni 2011/278, hija ma kinitx għażlet li tikkumpensa l-użu ikbar tal-kapaċità ta' subinstallazzjoni meta mqabbla mal-kapaċità inizjali installata tagħha billi tadatta l-valur tal-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur ogħla minn 100 %, dan kien preċiżament sabiex tinċentiva, f'tali sitwazzjoni, l-użu ta' tekniki effikaċi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew, jekk ikun il-każ, l-akkwist ta' numru ekwivalenti ta' kwoti ta' emissjonijiet, skont is-sistema ta' skambju.

[41] Ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[42] Ara l-premessa 15 tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Nirreferi wkoll għall-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:167, punt 69).

[43] Ara s-sentenzi tat-12 ta' April 2018, PPC Power (C-302/17, EU:C:2018:245, punt 18), kif ukoll tas-17 ta' Mejju 2018, Evonik Degussa (C-229/17, EU:C:2018:323, punt 41).

[44] Ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[45] F'dan ir-rigward, nirrileva li, skont l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10a(7) tad-Direttiva 2003/87, 5 % biss mill-kwantità ta' kwoti maħruġa għall-perijodu bejn is-sena 2013 u s-sena 2020 huma rriżervati għall-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq u dan huwa perċentwali massimu.

76. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, fil-fehma tiegħi ftit li xejn hemm dubju li l-għan globali u l-għanijiet tal-iskema ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni mingħajr ħlas jeżiġu, l-istess bħall-indikazzjonijiet ipprovduti mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) u l-istruttura ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/278, li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli jkun strettament limitat għal valur inqas minn 100 %[46].

E. Sussidjarjament, fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri

77. Għar-raġunijiet li esponejt preċedentement, inqis li l-kwistjoni dwar jekk, għas-subinstallazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' kombustibbli li jaqgħu taħt l-iskema applikabbli għall-"installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq", il-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli huwiex limitat għal valur inqas minn 100 %, għandha tiġi riżolta permezz ta' interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika, ibbażata fuq l-istruttura ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/278 u l-għan globali u fuq l-għanijiet tal-iskema ta' allokazzjoni provviżorja ta' kwoti mingħajr ħlas. Għalhekk, kif isostnu r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern Ġermaniż, din il-kwistjoni ma taqax taħt il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278.

78. F'dan ir-rigward, infakkar, għall-finijiet ta' kompletezza, li, fir-rigward tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, il-leġiżlatur insista, fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, fuq il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni kompleta, billi ppreveda li "[]l-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta' implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti".

79. Kif indikajt preċedentement fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża INEOS Köln[47], huwa fuq din il-bażi li l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/278 u ftit li xejn hemm dubju, fil-fehma tiegħi, li din id-deċiżjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, twettaq armonizzazzjoni eżawrjenti tal-aspetti materjali tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas[48].

80. B'mod partikolari, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4) ta' din id-deċiżjoni, huwa previst li l-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-kwantità annwali totali provviżorja ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjoni li tidħol ġdida fis-suq.

81. Għaldaqstant, jidhirli li, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tqis, bħalma għamlu r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern Ġermaniż u kuntrarjament għall-approċċ li qiegħed nirrakkomanda, li l-Istati Membri jibqgħu liberi, fil-limiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tal-imsemmija deċiżjoni, li jistabbilixxu l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal valur ogħla minn 100 %, dawn tal-aħħar ma jistgħux jiġu kkritikati li jaqblu mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, inkluż meta din tirriżulta mill-applikazzjoni tal-istess deċiżjoni fil-kuntest ta' installazzjonijiet speċifiċi (kif inhu l-każ fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali[49]), sakemm huma jkunu jistgħu jantiċipaw li din il-pożizzjoni ser tapplika wkoll fil-konfront ta' installazzjonijiet oħra.

[46] F'dan ir-rigward, infakkar li, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:167, punt 69), indikajt li kull restrizzjoni għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas tikkontribwixxi għat-twettiq progressiv tas-sistema ta' rkantar sħiħ tal-kwoti mixtieqa mil-leġiżlatur.

[47] C-572/16, EU:C:2017:896, punt 70.

[48] Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, DK Recycling und Roheisen vs Il-Kummissjoni (C-540/14 P, EU:C:2016:469, punti 52 sa 55).

[49] Kif indikajt fil-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, id-DEHSt iddeċieda li jibbaża ruħu fuq fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' 99.9 %, peress li, fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni kienet ċaħdet fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli ta' 100 % jew iktar għal tliet installazzjonijiet Ġermaniżi oħra.

V. Konklużjoni

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domanda preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja) kif ġej:

L-Artikolu 18(1)(ċ) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(h) u mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata permezz tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-fattur ta' użu tal-kapaċità applikabbli għal-livell ta' attività relatat mal-kombustibbli għandu jkun limitat għal valur ta' inqas minn 100 % għall-installazzjonijiet li jidħlu ġodda fis-suq.